



KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

It-tieni Nota ta' Gwida dwar il-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP) li tiċċara l-elementi tar-Regolament (UE) 2024/795 u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni C/2024/3209

(C/2025/6798)

L-għan ta' din it-tieni Nota ta' Gwida mhux vinkolanti tal-Kummissjoni huwa li toffri gwida Prattika dwar ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2024/795 (ir-Regolament STEP), biex tiffaċilita l-implimentazzjoni, filwaqt li tqis it-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni fil-prattika, kif ukoll l-emendi introdotti għar-Regolament STEP bir-Regolament (UE) 2025/2653 ⁽¹⁾ (il-mini-omnibus tad-difiża). Filwaqt li n-Nota kultant tagħmel parafrasi tal-leġiżlazzjoni tal-UE, mhijiex maħsuba biex iżżid jew tnaqqas id-drittijiet u l-obbligi fir-Regolament STEP. Sabiex tiġi vvalutata l-eliġibbiltà tal-proġetti għal opportunità ta' finanzjament speċifiku skont ir-Regolament STEP, il-promoturi tal-proġetti huma mistiedna jirreferu għar-regoli rilevanti tal-programm (eż., kif definit fl-atti bażiċi rispettivi, fil-programmi ta' ħidma annwali, fis-sejthiet u fid-deskrizzjonijiet tas-suġġetti), peress li dawn għadhom japplikaw. STEP mhijiex strument ta' finanzjament ġdid iżda taħdem permezz ta' programmi eżistenti tal-UE. Din in-Nota tibni fuq l-ewwel Gwida maħruġa f'Mejju 2024, li għadha valida. Hija maħsuba biex tinforma aktar lill-promoturi tal-proġetti u lill-awtoritajiet manġerjali dwar kif jimplimentaw STEP.

INTRODUZZJONI

Il-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), stabbilita bir-Regolament (UE) 2024/795, tappoġġa l-iżvilupp u l-manifattura fl-UE ta' teknoloġiji kritiċi rilevanti għall-kompetittività tagħna fl-UE; flimkien mal-ħiliet u l-impjiegi meħtieġa biex jintlaħqu dawn l-oġġettivi.

Il-Kummissjoni ppubblikat l-ewwel Nota ta' Gwida mhux vinkolanti f'Mejju 2024 ⁽²⁾ biex toffri gwida Prattika dwar ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament STEP u tiffaċilita l-implimentazzjoni. Il-mini-omnibus tad-difiża jemenda l-Artikolu 2(7) tar-Regolament STEP, u jistieden lill-Kummissjoni tagħgħorna n-Nota ta' Gwida biex tkopri t-teknoloġiji tad-difiża.

Din it-tieni Nota ta' Gwida twieġeb għal dak il-mandat u għat-talbiet ta' feedback u ta' kjarifika li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' STEP. Din tiċċara l-appoġġ ta' STEP għat-teknoloġiji tad-difiża u informazzjoni oħra rilevanti għall-iżvilupp jew il-manifattura ta' teknoloġiji kritiċi. Hija mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-kompetizzjoni, b'mod partikolari l-ġhajjnuna mill-Istat. Dan għandu jinqara flimkien mal-ewwel Nota ta' Gwida, li tibqa' valida u issa tapplika wkoll għat-teknoloġiji tad-difiża.

1. L-oġġettivi STEP

L-Artikolu 2(1) tar-Regolament STEP jispjega l-oġġettivi ewlenin: (a) l-appoġġ għall-iżvilupp jew il-manifattura ta' teknoloġiji kritiċi madwar l-UE, jew il-ħarsien u t-tisħiħ tal-ktajjen tal-valur rispettivi tagħhom (b) l-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet kritiċi għat-tipi kollha ta' impjiegi ta' kwalità b'appoġġ għall-ewwel oġġettiv.

L-ewwel Gwida STEP stabbiliet dawn l-oġġettivi, li huma spjegati f'aktar dettall hawn taħt u japplikaw għat-teknoloġiji tad-difiża.

⁽¹⁾ ĠU L, 2025/2653, 22.12.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/2653/oj>.

⁽²⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni C/2024/3209, Nota ta' Gwida dwar ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2024/795 li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), 2024, disponibbli fuq: https://strategic-technologies.europa.eu/about/step-documents_mt.

1.1. *Appoġġ għall-iżvilupp jew il-manifattura ta' teknoloġiji kritiċi madwar l-UE, jew il-ħarsien u t-tisħiħ tal-ktajjen tal-valur rispettivi tagħhom*

— Proġetti strateġiċi skont l-Att dwar il-Mediċini Kritiċi (Critical Medicines Act, CMA)

F'Marzu 2025, il-Kummissjoni pproponiet l-Att dwar il-Mediċini Kritiċi (CMA) ⁽³⁾ biex ittejjeb id-disponibbiltà, il-provvista u l-produzzjoni ta' mediċini kritiċi fl-UE. Is-CMA proposta temenda r-Regolament STEP biex tallinja t-trattament attwali li STEP jagħti lil proġetti identifikati bħala strateġiċi skont l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti (Net-Zero Industry Act, NZIA) u l-Att dwar il-Materja Prima Kritika (Critical Raw Materials Act, CRMA) ⁽⁴⁾ u s-CMA.

B'riżultat ta' dan, il-proġetti strateġiċi ddeżinjati f'konformità mas-CMA li jindirizzaw xi vulnerabbiltà fil-ktajjen tal-provvista ta' prodotti mediċinali kritiċi jridu jitqiesu li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ta' STEP imsemmi fl-Artikolu 2(1), il-punt (a)(iii) tar-Regolament STEP. Madankollu, dan ma jintitolax awtomatikament lill-organizzazzjonijiet għall-finanzjament tal-UE u lanqas għall-għoti awtomatiku tas-Siġill STEP. Fi kwalunkwe każ, kwalunkwe finanzjament irid ikun konformi mar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat.

— Ir-riċiklaġġ u l-immaniġġjar tal-iskart inkluża l-materja prima kritika

Il-proġetti ta' riċiklaġġ u ta' ġestjoni tal-iskart jistgħu jaqgħu taħt STEP meta jinvolvu l-iżvilupp jew il-manifattura ta' teknoloġiji ġodda ta' riċiklaġġ, jew meta jikkontribwixxu direttament għat-tisħiħ tal-ktajjen tal-valur tal-materja prima kritika (CRMs) użati f'teknoloġiji kritiċi taħt STEP. B'kuntrast ma' dan, il-proġetti limitati għall-użu ta' proċessi ta' riċiklaġġ disponibbli kummerċjalment ġeneralment ma jkunux eliġibbli taħt STEP.

Skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament STEP, il-proġetti tas-CRM jistgħu jkunu fil-kamp ta' applikazzjoni jekk jissalvagwardjaw u jsaħħu l-ktajjen tal-valur tat-teknoloġiji kritiċi, mhux biss meta jkunu proġetti "strateġiċi" skont l-Att dwar il-Materja Prima Kritika (CRMA) ⁽⁵⁾. Il-proġetti xorta se jkollhom bżonn jappoġġaw l-oġġettivi ta' STEP u jissodisfaw mill-inqas kundizzjoni waħda ta' STEP biex jitqiesu kritiċi (ara t-taqsima 3 tal-ewwel Nota ta' Gwida). Għalhekk:

— Jekk il-proġett jiżviluppa teknoloġija kritika ġdida ta' riċiklaġġ/ġestjoni tal-iskart, jista' jitqies li jissodisfa l-oġġettivi u l-kundizzjonijiet ta' STEP (innovazzjoni jew prevenzjoni/tnaqqis tad-dipendenzi).

— Jekk il-proġett jiddependi fuq teknoloġija kummerċjalment disponibbli, allura japplikaw ir-regoli tas-CRMA:

- Jekk il-materjal irkuprat ikun materja prima strateġika (l-Anness I tas-CRMA), il-proġett irid jiġi vverifikat mad-definizzjoni ta' "proġett strateġiku" tas-CRMA (l-Artikolu 6). Skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament STEP, il-proġetti ddeżinjati bħala strateġiċi skont is-CRMA awtomatikament jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' STEP.
- Jekk il-materjal irkuprat ikun materja prima kritika (l-Anness II CRMA), il-proġett jista' jitqies bħala servizz assoċjat kritiku għall-iżvilupp jew għall-manifattura tat-teknoloġiji STEP u speċifiku għalihom, dment li jappoġġa b'mod ċar il-ktajjen tal-valur tagħhom.

Għal proġetti oħra ta' riċiklaġġ jew ta' ġestjoni tal-iskart mhux marbuta mas-CRMs, huma biss il-proġetti li jiżviluppaw jew jimmanifatturaw teknoloġiji kritiċi (jiġifieri, jappoġġaw l-oġġettivi ta' STEP u jissodisfaw mill-inqas kundizzjoni waħda ta' STEP) li jistgħu jikkwalifikaw taħt STEP.

1.1.1. *Appoġġa għall-iżvilupp jew il-manifattura ta' teknoloġiji kritiċi fl-Unjoni kollha*

Skont ir-Regolament STEP u l-ewwel Nota ta' Gwida, STEP ma tkoprix l-installazzjoni u l-użu tal-prodotti finali. Madankollu, tista' tkopri servizzi assoċjati li huma kritiċi u speċifiċi għall-iżvilupp u l-manifattura ta' dawn il-prodotti fis-setturi ta' STEP (ara t-taqsima 1.1.2 tal-ewwel Nota ta' Gwida), inkluż fejn il-varar jista' jallinja ma' STEP jekk jikkwalifika bħala servizz assoċjat.

⁽³⁾ Il-Proposta għal Regolament li jistabbilixxi qafas għat-tisħiħ tad-disponibbiltà u s-sigurtà tal-provvista ta' prodotti mediċinali kritiċi kif ukoll id-disponibbiltà ta' prodotti mediċinali ta' interess komuni u l-aċċessibbiltà tagħhom, u li jemenda r-Regolament (UE) 2024/795, il-11 ta' Marzu 2025, disponibbli fuq: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52025PC0102>.

⁽⁴⁾ Ara t-taqsima 3.3 tal-ewwel Nota ta' Gwida, disponibbli fuq: https://strategic-technologies.europa.eu/about/step-documents_mt.

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (UE) 2024/1252 li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1724 u (UE) 2019/1020, il-11 ta' April 2024, disponibbli fuq: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1252/oj>.

Skont l-ewwel Nota ta' Gwida, għall-fini tal-eliġibbiltà skont ir-regolament STEP, il-manifattura jenħtieġ li tinftehem bħala li tinkludi l-istabbiliment ta' linji ta' produzzjoni ġodda, inklużi faċilitajiet li huma l-ewwel tat-tip tagħhom (ara t-Taqsima 1 tal-ewwel Nota ta' Gwida). Il-varar ta' faċilitajiet li huma l-ewwel tat-tip tagħhom (first-of-a-kind, FOAK) jista' jkun eliġibbli meta jkunu parti integrali mill-iżvilupp ta' teknoloġija innovattiva ħafna jew għall-espansjoni ta' proċess innovattiv muri qabel fuq skala pilota biss, sakemm tali teknoloġija jew proċess (i) jikkontribwixxi għall-oġettivi ta' STEP u (ii) jissodisfa mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet ta' STEP.

STEP tista' tappoġġa proġetti li jistabbilixxu linji ta' produzzjoni, dment li l-attivitajiet jappoġġaw b'mod predominanti l-iżvilupp jew il-manifattura ta' teknoloġiji kritiċi fis-setturi ta' STEP (eż. faċilitajiet li huma l-ewwel tat-tip tagħhom, linji pilota, jew l-espansjoni ta' proċessi innovattivi). B'kuntrast ma' dan, l-użu wiesa' jew il-produzzjoni tal-massa ta' rutina ta' prodotti finali, kif ukoll attivitajiet periferali mhux kritiċi u speċifiċi għall-iżvilupp jew għall-manifattura ta' teknoloġiji kritiċi jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' STEP.

Pereżempju, bil-vetturi elettriċi, STEP tista' tappoġġa l-iżvilupp jew il-manifattura ta' teknoloġiji kritiċi (eż. sistemi ta' propulsjoni elettrika, batteriji avanzati, elettronika tal-enerġija u sistemi tal-ġestjoni tal-enerġija) dment li t-teknoloġiji jkunu fis-setturi ta' STEP u jissodisfaw l-oġettivi ta' STEP, inklużi l-kundizzjonijiet ta' STEP. Madankollu, il-produzzjoni wiesgħa tal-vetturi elettriċi bħala tali, jew attivitajiet periferali bħall-ħwienet taż-żebugħa, ma jkunux eliġibbli taħt STEP.

Pereżempju, l-użu tal-elettrolizzaturi jista' jkun eliġibbli taħt STEP dment li l-appoġġ jingħata għal teknoloġija li fiż-żmien tal-valutazzjoni tal-eliġibbiltà tkun l-ewwel tat-tip tagħha u tirrappreżenta innovazzjoni sinifikanti: (1) il-kapaċità tal-elettrolizzatur tkun akbar minn tal-aqwa elettrolizzatur attwali (jiġifieri < 20 MW titqies bħala mhux innovattiva); jew (2) jinkludu teknoloġija innovattiva għajr l-istandard PEM/Alkalin (eż. ċellola tal-elettrolizzatur tal-ossidu solidu (solid oxide electrolyser cell, SOEC)); jew (3) minħabba li jiffurmaw parti minn proġett/soluzzjoni integrata u innovattiva ħafna jew minħabba li għandhom applikazzjoni innovattiva, jew mudell ta' negozju innovattiv, filwaqt li għad ma hemm l-ebda proġett simili implimentat fl-Unjoni jew li meta mqabbel ma' proġetti simili, il-proġett ta' dimostrazzjoni jkollu karatteristiċi superjuri importanti f'termini ta' potenzjal ta' innovazzjoni.

Pereżempju, fil-qasam tal-bijoteknoloġiji, dan jista' jinkludi fost l-oħrajn u f'konformità mal-Istrateġija għall-Kontromiżuri Mediċi u l-proġetti diġà appoġġati taħt il-programm EU4Health, it-tneġġja ta' sejħiet għal manifattura innovattiva żgurati minn investimenti f'teknoloġiji tal-manifattura innovattivi reżiljenti, skalabbli, intelliġenti, modulari u flessibbli, kif ukoll sejħiet għal proċessi għall-produzzjoni ta' kontromiżuri mediċi u teknoloġiji għas-sigurtà tas-siti tal-produzzjoni (bħaċ-ċibersigurtà). Tali azzjonijiet huma mistennija li jirriżultaw f'manifattura aktar aġli, aktar faċli biex tespandi, sostenibbli u reżiljenti, li tippermetti kapaċità aħjar biex twieġeb għaż-żieda fid-domanda u tipprevjeni nuqqasijiet ta' kontromiżuri mediċi kif ukoll kompetittività mtejbja tal-industrija tal-manifattura tal-Unjoni u appoġġ għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni u l-istrateġija industrijali tal-Unjoni fil-qasam tal-kontromiżuri mediċi.

1.1.2. Eżempji oħra:

F'konformità mal-ewwel Nota ta' Gwida, "servizzi assoċjati" jinkludu servizzi speċjalizzati li huma kritiċi u speċifiċi għall-iżvilupp u l-manifattura ta' prodotti finali li huma stess jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' STEP. Madankollu, huma biss l-infrastruttura jew it-tagħmir kritiku u speċifiku għall-iżvilupp jew il-manifattura ta' teknoloġiji kritiċi jew ħiliet rilevanti li huma eliġibbli taħt STEP. L-infrastruttura bi skop ġenerali mhijiex eliġibbli bħala proġett awtonomu, iżda l-kostijiet anċillari jistgħu jiġu inklużi jekk ikunu permessi skont regoli speċifiċi għall-programm⁽⁶⁾. Ix-xiri tal-art bħala parti minn proġett jista' jitqies eliġibbli bħala kost anċillari, f'konformità mar-regoli speċifiċi għall-programm. Dan ma għandux ikun parti sinifikanti min-nefqa tal-proġett.

Attivitajiet ta' trasferiment tat-teknoloġija jistgħu jikkwalifikaw taħt STEP, dment li jikkontribwixxu b'mod ċar għall-iżvilupp jew il-manifattura ta' teknoloġiji STEP f'wieħed mis-setturi ta' STEP u jissodisfaw mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet ta' STEP. Il-proġetti li jappoġġaw l-ekosistemi jistgħu jkunu rilevanti għal STEP, dment li l-attivitajiet ta' output tagħhom jappoġġaw b'mod predominanti l-iżvilupp jew il-manifattura ta' teknoloġiji kritiċi. Eżempji ta' ekosistemi jinkludu ċentri ta' kompetenza, ċentri, parks tat-teknoloġija u clusters.

⁽⁶⁾ Il-qarrejja huma mħeġġa jikkonsultaw ir-regoli tal-11-il programm u fond ta' STEP kollha.

1.2. Indirizzar tal-iskarsezzi f'termini ta' ħaddiema u ta' hili

Indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema u hili kritiċi għat-tipi kollha ta' impjieg ta' kwalità b'appoġġ għall-ewwel objettiv. Għalhekk jista' jiġi pprovdut appoġġ għall-iżvilupp ta' hili li huma direttament rilevanti għall-iżvilupp u l-manifattura ta' teknoloġiji kritiċi fis-setturi STEP. Minħabba n-nuqqasijiet persistenti f'dawn l-oqsma u ż-żmien meħtieġ biex jinbnew tali kompetenzi, il-proġetti mmirati lejn l-iżvilupp ta' hili essenzjali għall-iżvilupp fuq terminu medju jew twil ta' teknoloġija kritika jistgħu jikkwalifikaw bħala proġetti STEP. L-appoġġ għal dawn il-hili huwa meħtieġ biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tiżviluppa u timmanifattura teknoloġiji kritiċi fil-futur.

Il-hili wiesgħa u trasferibbli jistgħu jiġu appoġġati biss taħt STEP meta jiġu kkombinati ma' hili speċifiċi għal STEP, u biss jekk dawn tal-aħħar ikunu predominanti. Tali komponenti tal-hili jistgħu jitqiesu biss bħala li jikkontribwixxu għal STEP jekk ikunu elementi anċillari fi proġett usa' ta' STEP u f'konformità mar-regoli speċifiċi għall-fondi. Proġetti jew attivitajiet iffukati biss fuq hili ġenerali jew trasferibbli ma jikkwalifikawx bħala proġetti STEP.

Diġà ġew appoġġati xi proġetti tal-hili relatati ma' STEP taħt diversi programmi ta' finanzjament tal-UE bħall-Programm Ewropa Diġitali (DEP), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF), u l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+). Dawn il-proġetti jkopru firxa wiesgħa ta' attivitajiet speċjalizzati ta' żvilupp tal-hili rilevanti għall-iżvilupp u l-manifattura ta' teknoloġiji kritiċi. Il-proġetti li jappoġġaw l-oġġettivi ta' STEP dwar il-hili (jiġifieri, l-indirizzar tan-nuqqas tal-ħaddiema u l-hili) għandhom ikunu rilevanti għall-iżvilupp jew il-manifattura ta' teknoloġiji kritiċi. L-appoġġ jista' jieħ u forom differenti, inklużi l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni għolja, it-tagħlim għall-adulti, l-apprendistati, u l-kollokamenti f'impjieg. Ir-Regolament STEP ma jillimitax it-tip ta' attività ta' apprendiment, dment li tali attività tappoġġa l-iżvilupp jew il-manifattura ta' teknoloġiji kritiċi.

Il-hili rilevanti għat-teknoloġiji fis-settur tad-difiża huma vvalutati skont l-istess kriterji bħal dawk għas-setturi l-oħrajn ta' STEP.

2. Setturi tat-teknoloġija STEP

L-ewwel Nota ta' Gwida tipprovi listi indikattivi ta' oqsma tat-teknoloġija u teknoloġiji li jikkwalifikaw taħt kull settur ta' STEP (ara t-Taqsima 2 tal-ewwel Nota ta' Gwida). Dawn il-listi jibqgħu validi u huma indikattivi u mhux eżawrjenti (jiġifieri, it-teknoloġiji mhux elenkati xorta jistgħu jkunu rilevanti għal STEP). Biex jikkwalifikaw bħala kritiċi, it-teknoloġiji jridu jappoġġaw l-oġġettivi ta' STEP u jissodisfaw mill-inqas waħda miż-żewġ kundizzjonijiet ta' STEP (ara t-Taqsima 3 tal-ewwel Nota ta' Gwida).

Ċerti elementi huma miżjuda għaċ-ċarezza f'din it-tieni Nota ta' Gwida, kemm b'rabta mal-ewwel tliet setturi introdotti mir-Regolament STEP kif ukoll mas-settur il-ġdid dwar it-teknoloġiji tad-difiża kif stabbilit mill-mini-omnibus tad-difiża.

Skont l-Artikolu 2(1)(a) emendat tar-Regolament STEP, li issa jinkludi l-punt (iv) "teknoloġiji tad-difiża", is-setturi li ġejjin jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' STEP:

- **Teknoloġiji diġitali u innovazzjoni tat-teknoloġija profonda;**
- **Teknoloġiji nodfa u effiċjenti fir-riżorsi;**
- **Bijoteknoloġiji;**
- **Teknoloġiji tad-difiża.**

2.1. Teknoloġiji diġitali u innovazzjoni tat-teknoloġija profonda

Il-gigafabbriki tal-IA huma rilevanti għal STEP peress li huma infrastrutturi ewlenin li mistennija jespandu malajr il-qawwa tal-IA anke fit-teknoloġiji tad-difiża, inklużi dawk b'potenzjal ta' użu doppju, li issa huma miftuħa għall-appoġġ taħt STEP abbażi tal-mini-omnibus tad-difiża.

2.2. *Teknoloġiji nodfa u effiċjenti fir-riżorsi*

Mill-adozzjoni tal-ewwel Nota ta' Gwida STEP, il-Kummissjoni adottat att delegat, inkluż Anness ⁽⁷⁾ biex temenda l-Anness tal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti (Net-Zero Industry Act, NZIA) abbażi tal-lista ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti stabbilita fl-Artikolu 4 tal-NZIA. Dan l-att delegat jelenka t-teknoloġiji u s-subkategoriji ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, kif ukoll il-prodotti finali u l-komponenti speċifiċi tagħhom meqjusa li jintużaw primarjament għall-produzzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti.

2.3. *Bijoteknoloġiji*

Dan jinkludi prodotti mediċinali fil-lista tal-UE ta' mediċini kritiċi ⁽⁸⁾ u l-komponenti tagħhom, u dawk imsemmija fl-Att dwar il-Mediċini Kritiċi (Critical Medicines Act, CMA). Il-bijoteknoloġiji, bħall-kontromiżuri mediċi, huma wkoll dejjem aktar rilevanti fis-settur tad-difiża, u joffru firxa wiesgħa ta' opportunitajiet minn materjali ġodda bijomanifatturati għal teknoloġiji għat-tijib tal-bniedem.

2.4. *Teknoloġiji tad-difiża.*

F'konformità mar-Regolament STEP, kif emendat mill-mini-omnibus tad-difiża, it-terminu "teknoloġiji tad-difiża" użat fir-Regolament STEP jirreferi għal dawk inkorporati fi, jew meħtieġa għall-iżvilupp u l-manifattura ta' prodotti relatati mad-difiża msemmija fl-Anness tad-Direttiva 2009/43/KE ⁽⁹⁾, li jikkorrispondu għal-Lista Militari Komuni tal-UE ⁽¹⁰⁾. Il-lista tiġi aġġornata regolarment mill-Kunsill. Għall-finijiet ta' STEP, għandha tiġi kkunsidrata l-aktar verżjoni reċenti tal-Lista ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali. Kwalunkwe aġġornament tal-Lista Militari Komuni tal-UE ma jaffettwax il-validità tal-proġetti li jkunu għaddejjin. Barra minn hekk, it-teknoloġiji mneħħija mil-Lista f'aġġornamenti futuri, jistgħu jibqgħu eliġibbli għall-appoġġ ta' STEP f'setturi oħra ta' STEP dment li jkomplu jappoġġaw l-oġettivi ta' STEP u jissodisfaw mill-inqas kundizzjoni waħda ta' STEP, u jikkonformaw mar-regoli applikabbli speċifiċi għall-programm.

It-teknoloġiji tad-difiża jinkludu wkoll dawk rilevanti għall-Prijoritajiet tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet tal-UE ⁽¹¹⁾. Madankollu, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lit-teknoloġiji tad-difiża li huma rilevanti għall-oqsma ta' kapaċità ta' prijorità identifikati mill-Kunsill Ewropew fis-6 ta' Marzu 2025 ⁽¹²⁾, jiġifieri: (i) difiża kontra l-attakki bl-ajru u l-missili; (ii) sistemi tal-artillerija, inklużi kapaċitajiet ta' attacchi profondi bi preċiżjoni; (iii) missili u munizzjon; (iv) droni u sistemi kontra d-droni; (v) faċilitaturi strateġiċi, inkluż fir-rigward tal-protezzjoni tal-ispazju u tal-infrastruttura kritika; (vi) mobbiltà militari; u (vii) gwerer ċibernetiċi, bl-Intelliġenza Artifiċjali u elettronika. Minbarra dawn is-seba' oqsma ta' kapaċità ta' prijorità, il-Pjan Direzzjonali għall-Prontezza tad-Difiża 2030 ikopri wkoll il-għied fuq l-art u marittimu.

Barra minn hekk, diversi programmi tal-UE koperti minn STEP jappoġġaw ukoll teknoloġiji b'applikazzjonijiet b'użu doppju possibbli (jiġifieri kemm għal skopijiet ċivili kif ukoll ta' difiża). Tali teknoloġiji b'potenzjal ta' użu doppju jistgħu jinkludu soluzzjonijiet ċibernetiċi u tal-IA avvanzati, infrastruttura spazjali, CBRN ⁽¹³⁾ u kontromiżuri mediċi, u ċerti materjali avvanzati. Meta t-teknoloġiji jkollhom potenzjal ta' użu doppju, dawn jistgħu jkunu rilevanti taħt diversi setturi ta' STEP. L-eliġibbiltà tagħhom taħt wieħed mis-setturi ta' STEP trid tiġi vvalutata kemm skont ir-regoli speċifiċi għall-programm kif ukoll skont il-kundizzjonijiet ta' STEP.

Jekk teknoloġija tad-difiża tkun fil-listi u d-dokumenti uffiċjali msemmija hawn fuq, din tista' titqies rilevanti għal STEP. Madankollu jkollhom b'żonn jappoġġaw l-oġettivi ta' STEP u jissodisfaw mill-inqas kundizzjoni waħda ta' STEP biex jitqiesu kritiċi (ara t-taqsima 3 tal-ewwel Nota ta' Gwida).

⁽⁷⁾ L-Anness tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (EU) 2025/1463, li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-identifikazzjoni tas-subkategoriji fit-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u l-lista ta' komponenti speċifiċi użati għal dawk it-teknoloġiji. disponibbli fuq: https://single-market-economy.ec.europa.eu/document/download/71990287-f945-4bdc-a59b-b4a631d2dcf5_en?filename=C_2025_2901_1_MT_annexe_acte_autonome_part1_v6.pdf.

⁽⁸⁾ <https://www.ema.europa.eu/en/news/first-version-union-list-critical-medicines-agreed-help-avoid-potential-shortages-eu>.

⁽⁹⁾ Id-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità, disponibbli fuq: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/43/oj>.

⁽¹⁰⁾ L-aħħar lista Militari Komuni ġiet adottata mill-Kunsill fl-24 ta' Frar 2025 (ĠU C 149, C/2025/1499, 6.3.2025), disponibbli fuq: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/1499/oj>.

⁽¹¹⁾ <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/0b3d446f-7df8-11ee-99ba-01aa75ed71a1>.

⁽¹²⁾ Konklużjonijiet tal-Kunsill, Laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew tas-6 ta' Marzu 2025 (EUCO 6/25), disponibbli fuq: <https://www.consilium.europa.eu/media/tzkadtec/20250306-european-council-conclusions-en.pdf>.

⁽¹³⁾ Difiża kimika, bijoloġika, radjoloġika u nukleari.

It-tabella ta' hawn taħt tirrifletti l-oqsma ta' kapaċità ta' prijorità identifikati mill-Kunsill Ewropew ⁽¹⁴⁾ (6 ta' Marzu 2025), il-Pjan Direzzjonali għall-Prontezza tad-Difiża ⁽¹⁵⁾ (16 ta' Ottubru 2025) u l-Prijoritajiet tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet tal-UE.

Qasam tat-Teknoloġija	Eżempji ta' teknoloġiji (indikattivi, mhux eżawrjenti)
Difiża kontra l-attakki bl-ajru u l-missili	Sistemi integrati ta' difiża tal-ajru u tal-missili b'diversi saffi, interċettaturi, sistemi ta' detezzjoni (radars)
Artillerija u attacchi bi preċiżjoni	Sistemi tal-artillerija, attacchi bi preċiżjoni fuq distanza twila, munizzjon avanzat
Missili u munizzjon	Missili u munizzjon iggwidati, munizzjon konvenzjonali, testati, propellanti
Droni u sistemi kontra d-droni	UAVs (il-klassijiet kollha), sistemi ta' zedgħa, jammers, sistemi kontra l-UAVs
Faċilitaturi strateġiċi	Assi spazjali u l-protezzjoni tagħhom, għarfien tas-sitwazzjoni spazjali, servizzi bbażati fl-ispazju bħall-Osservazzjoni tad-Dinja, PNT u komunikazzjonijiet siguri, protezzjoni tal-infrastruttura kritika, sigurtà tal-enerġija
Ċibernetika, IA u gwerra elettronika	IA għall-kmand u l-kontroll, ċiberdifiża, gwerra tal-informazzjoni, operazzjonijiet tal-ispettru elettromanjetiku, inklużi settijiet tal-gwerra elettroniċi, trasformazzjoni diġitali tal-forzi armati, optronika u sistemi tal-frekwenzi tar-radju
Mobbiltà militari	Kapaċitajiet ta' magazzinagg u inġinerija, loġistika sostenibbli u aġli, manifattura addittiva għall-manutenzjoni tal-ġlied
Ġlied fuq l-art	Sistemi ta' appoġġ kontra n-nirien, sistemi ta' suldati, sistemi tal-art bl-ekwipaġġ u mingħajr ekwipaġġ
Marittimu	Għarfien tas-sitwazzjoni marittima, sistemi ta' ġlied tal-wiċċ u ta' taħt l-ilma bl-ekwipaġġ u mingħajr ekwipaġġ, sistemi tal-gwerra ta' qiegħ il-baħar u kontra s-sottomarini
Ġlied fl-ajru	Sistemi ta' kumbattiment fl-ajru, twissija bikrija fl-ajru, sistemi tattiċi u strateġiċi tat-trasport bl-ajru, inġenji tal-ajru li jaħdmu bir-rotors, riforniment ta' fjuwil fl-ajru
Mediċi (inklużi kontromiżuri)	Gwerra CBRN inklużi sensuri dedikati u sistemi protettivi, ta' dekontaminazzjoni u ta' rkupru

3. Illustrazzjoni — approċċ ta' valutazzjoni ta' livell għoli

Sabiex jiġi vvalutat jekk teknoloġija hijiex kritika taħt STEP u għalhekk jekk il-proġetti jistgħux jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' STEP, il-promoturi tal-proġetti huma mħeġġa:

- Ikkonsultaw il-Portal STEP, inkluża l-paġna dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament STEP, li juri (i) eżempji ta' sejħiet għal proposti (kemm miftuħa kif ukoll magħluqa) li huma allinjati ma' STEP u (ii) eżempji ta' proġetti STEP.
- Ikkunsidra l-listi indikattivi u mhux eżawrjenti ta' oqsma tat-teknoloġija taħt kull settur ta' STEP fl-ewwel u fit-tieni Noti ta' Gwida (ara t-taqsim 2 tal-ewwel u tat-tieni Noti ta' Gwida).

Mhuwix biżżejjed li l-proġetti jitqiesu bħala STEP rilevanti biex jirċievu finanzjament mill-Unjoni f'konformità mar-regoli speċifiċi għall-programm.

⁽¹⁴⁾ <https://www.consilium.europa.eu/media/tzkadtec/20250306-european-council-conclusions-en.pdf>.

⁽¹⁵⁾ https://defence-industry-space.ec.europa.eu/eu-defence-industry/readiness-roadmap-2030_mt.

Biex jiġi vvalutat jekk proġett huwiex qed jappoġġa teknoloġija ta' STEP, għandha titwettaq valutazzjoni fuq tliet livelli, f'konformità mar-Regolament STEP (kif spjegat aktar fid-dettall fin-Noti ta' Gwida ta' STEP):

(1) is-setturi STEP

Il-proġetti STEP għandhom jappoġġaw teknoloġiji taħt kwalunkwe wieħed mill-erba' setturi ta' STEP jew taħt taħlita tagħhom (teknoloġiji diġitali u profondi, nodfa u effiċjenti fir-riżorsi, bijoteknoloġiji, u teknoloġiji tad-difiża).

Ir-Regolament STEP, il-mini-omnibus tad-difiża, l-ewwel u t-tieni Noti ta' Gwida u għadd ta' atti rilevanti oħra ċċitati f'dawn id-dokumenti jipprovdu għadd ta' indikazzjonijiet għal dak l-għan. Il-fatt li teknoloġija speċifika mhijiex elenkata b'mod espliċitu fid-dokumenti msemmija hawn fuq ma jiskwalifikax awtomatikament proġett milli jkun proġett STEP.

(2) Obiettivi STEP

Il-proġetti STEP għandhom jappoġġaw l-obiettivi ewlenin ta' STEP, inkluż l-appoġġ għall-iżvilupp jew il-manifattura ta' teknoloġiji kritiċi madwar l-UE, is-salvagwardja u t-tisħiħ tal-ktajjen tal-valur rispettivi tagħhom, u/jew l-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet. Proġetti li jinvolvu l-varar jew l-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet kummerċjalment disponibbli (inklużi soluzzjonijiet kummerċjalment disponibbli) ġeneralment jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' STEP.

(3) Kundizzjonijiet STEP

Fl-aħħar nett, il-proġetti STEP għandhom jappoġġaw biss teknoloġiji li huma kklassifikati bħala kritiċi. Biex jikkwalifikaw bħala kritiċi, it-teknoloġiji jridu jew (i) jintroduċu element innovattiv emerġenti u mill-aktar avvanzat b'potenzjal ekonomiku sinifikanti għas-suq intern jew (ii) jikkontribwixxu għat-tnaqqis jew għall-prevenzjoni tad-dipendenzi strateġiċi tal-UE (ara t-taqsimha 3 tal-ewwel Nota ta' Gwida).